MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

31 ta’ Awwissu 2024

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**vs**

**Sumir Muhammad**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Sumir Muhammad li ġie akkużat talli nhar l-għoxrin (20) ta Awwissu elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn it-tmienja (20:00hrs) u l-ħdax (23:00hrs) ta’ filgħaxija minn ġewwa Wenzhou Asian Supermarket ġewwa Triq Gort, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta’ e-*scooter* Xiaomi MI3 liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur; liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin u dan sar għad-detriment ta’ Keylly Johanna Quijano Lemus u/jew ta’ xi persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tatu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattiva għall-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjoni.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat, il-Qorti tosserva illi l-imputat għandu fedina penali netta u rreġistra ammissjoni fl-iżjed stadju bikri ta' dawn il-proċeduri. Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni li r-*res furtiva* ġiet ritornata lil sidha u li l-Prosekuzzjoni u d-difiża talbu, li jekk il-Qorti jidhrilha li hu xieraq, timponi sentenza sospiża.

Illi għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat għandu jiġi trattat b'piena ta' terminu ta' priġunerija sospiża.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 261 (c) u (f), 267, 270, 279 (a) u 280 (1) tal-Kodiċi Kriminali, tiddikjara lill-imputat **Sumir Muhammad** ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal tnax (12)-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qegħdin jiġu sospiżi għal terminu ta' sittax (16)-il xahar mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) u tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fi żmien sittax (16)-il xahar mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**